

Ir-rikorrenzi jgħidu li d-deċiżjoni kkontestata tikser ir-regoli applikabbli stabbiliti mir-Regolament REACH sabiex jiġu identifikati s-sustanzi ta' tħassib serju ħafna u jressqu erba' motivi insostenn tar-rikors tagħhom, li huma identiċi għal dawk imqajma fil-Kawża T-94/10, Rütgers Germany *et vs* ECHA.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1)

### Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2010 — Rütgers Germany *et vs* ECHA

(Kawża T-96/10)

(2010/C 113/98)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

*Rikorrenzi:* Rütgers Germany GmbH (Castrop-Rauxel, il-Ġermanja), Rütgers Belgium NV (Zelzate, il-Belġju), Deza, a.s. (Valašské Meziříčí, ir-Repubblika Ċeka), Koppers Denmark A/S (Nyborg, id-Danimarka), Koppers UK Ltd (Scunthorpe, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: K. Van Maldegem, R. Cana, avukati u P. Sellar, Solicitor)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

#### Talbiet tar-rikorrenzi

— tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;

— tannulla parzjalment l-att ikkontesta, sa fejn jikkonċerna ż-żejt tal-antraċene, pasta tal-antraċene;

— tikkundanna lill-ECHA tbatl l-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenzi jitlobu l-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("ECHA") (ED/68/2009) li tidentifika żejt tal-antraċene, pasta tal-antraċene (Nru CAS 90640-81-6) ("żejt (pasta) tal-antraċene") bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57(d) u (e) tar-Regolament Nru 1907/2006 <sup>(1)</sup> ("REACH"), skont l-Artikolu 59 REACH.

Abbażi tad-deċiżjoni kkontestata, li tressqet għall-attenzjoni tar-rikorrenzi permezz ta' sqarrija għall-istampa ta' ECHA, iż-żejt (pasta) tal-antraċene ġie inkluż fil-lista ta' 14-il sustanza kimika tal-lista ta' kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna sabiex ikun eventwalment inkluż fl-Anness XIV tar-REACH. Ir-raġunijiet esposti fl-att ikkontestat għall-identifikazzjoni taż-żejt (pasta) tal-antraċene bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna huma li s-sustanza hija karċinoġenika mutaġenika u persistenti, u bijoakkumulattiva skont il-kriterji stabbiliti fl-Anness XIII tar-REACH.

Ir-rikorrenzi jikkunsidraw li l-att ikkontestat jikser ir-regoli applikabbli stabbiliti għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna taħt ir-REACH u invokaw erba' motivi insostenn tar-rikors tagħhom li huma identiċi għal dawk invokati fil-Kawża T-94/10, Rütgers Germany *et vs* ECHA.

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1).

### Rikors ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2010 — Meica *vs* UASI -Tofutown.com

(Kawża T-99/10)

(2010/C 113/99)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

#### Partijiet

*Rikorrenzi:* Meica Ammerländische Fleischwarenfabrik Fritz Meinen GmbH & Co. KG (Edeweicht, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Russlies, avukat)